REGULATOR FOR ENERGY & WATER SERVICES

***Deċiżjoni Nru. 4 tal-10 ta' Diċembru 2025 maħruġa skont l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta) fir-rigward tat-talba għal żieda fil-kummissjoni tad-detenturi ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ***

Peress li permezz ta' Deċiżjoni numru 5 tat-20 ta' Diċembru 2018, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kien iddeċieda li l-kummissjoni applikabbli għall-persuni li għandhom awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ, kellha tiżdied b'€0.0179/kg li rriżultat f'kummissjoni massima ta' €0.1512/kg (eskluża l-VAT); u

Peress li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma rċieva bosta talbiet biex issir reviżjoni sabiex tiżdied il-kummissjoni massima applikabbli għall-persuni li għandhom awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ;

Peress li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, wara li wettaq eżerċizzju sabiex jiġbor l-informazzjoni u d-dejta rilevanti biex jikkunsidra żieda fil-kummissjoni massima msemmija, u peress ukoll li r-Regolatur ikkummissjona studju mwettaq minn konsulent indipendenti ta' fama sabiex jevalwa u jeżamina t-talba għal żieda fil-kummissjoni massima applikabbli.

Meta jitqiesu l-funzjonijiet tar-Regolatur taħt l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li huma:

– "li jirregola, jissorvelja u jżomm fil-konjizzjoni tiegħu kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwarda s-servizzi u r-riżorsi tal-enerġija u l-ilma;

– li jirregola l-istruttura tal-prezzijiet għal kull attività regolata b'dan l-Att u meta jkun xieraq li jistabbilixxi l-mekkaniżmi li bihom jiġi stabbilit il-prezz li jkollu jitħallas għall-akkwist, produzzjoni, manifattura, bejgħ, ħażna u distribuzzjoni relattiva;

– li jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u ta' utenti oħra f'Malta, partikolarment konsumaturi vulnerabbli, speċjalment għar-rigward tal-prezzijiet li jitħallsu, u l-kwalità u l-varjetà tas-servizzi u, jew prodotti regolati minn jew taħt dan l-Att;

**Għaldaqstant, abbażi tal-fatti pprovduti u bħala riżultat tar-reviżjoni mwettqa mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, hawnhekk għalhekk qiegħed jiġi determinat kif ġej:**

Zentrum Business Centre, Level 1, Mdina Road, Qormi QRM 9010, Malta
Tel: +356 2295 5000 Email: enquiry@rews.org.mt www.rews.org.mt

1. Il-kummissjoni applikabbli għall-persuni li għandhom awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ, għandha tiżdied b'€0.0633/kg li tirriżulta f'kummissjoni massima ta' €0.2145/kg (eskluża l-VAT); u

2. Iż-żieda fil-kummissjoni tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2026; u

3. Din iż-żieda fil-kummissjoni hija approvata u għandha tkun applikabbli għal kwalunkwe persuna li tkun detentriċi ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ.

Chairperson
Ms. Nancy Caruana